Minuti tal-Laqgħa Nru. 29 tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta, 9 ta' Settembru 2014 fil-5.30 p.m.

| **Preżenti:** | il-Membri |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Christian Falzon<br>Is-Sinjura. Lucia Massa<br>Is-Sinjorina. Christina Sammut |
| Skużat | Is-Sur. Joseph Camilleri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

---

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Applikazzjoni GAL Xlokk Miżura 413 A7
5. Resurfacing tal-Isqaqien
6. Kuntratti preżenti
7. Kuntrattur tal-ġbir tal-iskart domestiku
8. Restawr taċ-Ċimiterju
9. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
10. Aġġornament

**1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Il-minuti ġew approvati.

**2.0 PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI**

2.1 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk kienx wasal il-permess biex isir il-proġett tal-Bandli. Is-Segretarju qal li dan kien wasal biex jiġi.

2.2 Is-Sindku semma li fuq il-kuntrattur li kien magħżul mill-Kunsill Lokali sabiex jagħmel il-ġbir tal-iskart dan għadna ma ltqajniex miegħu. Huwa qal li ikkuntattjah bit-telefon fejn aċċetta li jagħti dan is-servizz. Huwa qal li se nkunu qed niltaqgħu miegħu sabiex ikun ikkordinat il-ġbir.

2.3 Il-Kunsillier Caruana saqsa kif huwa ma kienx infurmat li għal dakinhar tal-attivita li kienet organiżżata miż-żgħażagħ huwa seta jġib il-mara tiegħu u jħallsilha. Is-segretarju qal li huwa se jkun qed jiċċekkja ma kien ċempel lill-Kunsilliera biex jistaqsihom hux ġejjin għall attivita jekk kienx qalilhom li huma kellhom din l-għażla. Is-Sindku qal li minn naħa taċ-Ċentru huma kienu stiednu biss lis-Sindku u l-Viċi Sindku biex jġibu in-nisa tagħhom.

**3.0 KORRISPONDENZA**

3.1 Is-Sindku tkellem fuq il-proposta fuq it-tieni fażi tal-Family Park fejn huwa qal li l-Perit minn naħa tiegħu diġa lesta id-disinji u rahom mas-Sindku. Is-Sindku qal li fuq din il-proposta issa se nkellmu lill-Lands minħabba li l-Lease Agreement huwa biss għal 15 il-sena u biex isir dan il-proġett idealment għandu jkollu terminu itwal biex isir dan l-investiment. Huwa qal li għandna nkellmu ukoll lill-MEPA biex naraw liem l-aħjar possibilta biex napplikaw għal dan il-proġett.

3.2 Is-Sindku qara ittra li waslet minn naħa ta Transport Malta biex jiltaqgħu mal-Kunsill minħabba l-problema li tinħoloq fejn hemm Tower Cranes u l-Ajruport ta Ħal Luqa.

3.3 Is-Sindku semma li kellu laqgħa rigward mal-Animal Welfare rigward il-problema tal-animali abbandunati. Huwa qal li biex jikber aktar l-għarfien fuq din il-problema se tkun organiżżata attivita Pet's Day ġewwa Ħal Luqa b' kollaborazzjoni ma Dimples Pet shop billi se jkollu l-ewwel anniversarju tiegħu.

3.4 Is-Sindku qal li kellu laqgħa mas-Sur. Oliver Scicluna chairman tal-KNPD, fejn infurmah fuq il-proġetti ġodda li se tkun qed tieħu bħala KNPD fejn se jkun qed ikun hemm aktar restrizzjonijiet fuq ir-reserved parking u se jinbidlu l-logo u l-kulur tal-blue card.

3.5 Is-Sindku semma attivata li se ssir mir-Rise Foundation bħala Fiera tal-Familja biex jgħinu aktar lil dawk il-ħabsin fir-rejabilitazzjoni tagħhom.

3.6 Is-Sindku semma li kellu stedina minn naħa tas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Justyne Caruana fuq laqgħa bis-suġġett Anzjanita Attiva.

3.7 Is-Sindku qara email li waslet mingħand il-Kunsill Konsultattiv għan Nofsinhar ta Malta biex jiġu identifikati postijiet li fihom jista' jsir lodging għal dawk it-turisti li jridu jqattgħu l-itinerarju tagħhom fiż-żoni tan-Nofsinhar ta' Malta.

3.8 Is-Sindku qara stedina li waslet fuq fiera tal-ICT & T Fair fi Smart City fejn ġejna mitluba li jekk il-Kunsill ikun interessat jista jtella' stand waqt din il-fiera. Is-Sindku qal li għandna nikkonsidraw din il-proposta.

3.9 Is-Sindku qara Memo li waslet minn naħa tad-Dipartiment fuq l-Iskema tal-Inizjattivi Sportivi li se tkun organiżżata bejn din is-sena u s-sena d-dieħla. Huwa talab lill-Kunsilliera Sammut u l-Kunsillier Falzon sabiex napplikkaw għal din l-iskema.

3.10 Is-Sindku qara ittra fuq inizjattiva li ittieħdet mill-Kunsill Lokali ta Raħal Ġdid fejn dawk in-nisa bit-tfal li għandhom bżonn ireddgħuhom offrew spazju apposta għal dan il-għan.

3.11 Il-Kunsillier Caruana tkellem fuq tabella li kien hemm fil-bidu ta Triq San Ġużepp bl-isem tat-Triq li tkissret sabiex din terġa titwaħħal. Is-Segretarju semma li huwa kien diġa ordna din it-tabella u waslet biex tiġi u tkun installata.

3.12 Il-Kunsilliera Massa saqsiet meta kienet se ssir is-shade wara l-lampa fi Triq San Ġużepp. Is-Sindku qal li huwa kien infurmat fuq dawn is-shades u se jkun qed jara fejn verament hemm bżonn li dawn isiru biex ma jkunx hemm problemi għal residenti oħrajn li jisfaw bla dawl fit-triq.

3.13 Il-Kunsillier Caruana qal li hemm bżonn li jintbagħtu il-ħaddiema biex inaddfu l-bankijiet li hemm il-Bandli kif ukoll jagħtu tindifa sewwa. Huwa qal li għadu jkun hemm problema tat-tipjip gol-Bandli. Is-Sindku qal li hemm bżonn nergħu inkellmu lill-Ispettur fuqha din.

3.14 Il-Kunsillier Caruana tkellem fuq l-Iskola fejn reġa qed ikun hemm kwantita kbira ta ħmieġ speċjalment fuq barra kif ukoll fuq ġewwa. Il-Kunsillier Caruana semma li kemm il-darba kien hemm din il-problema u ġenituri li gergru fuq din il-problema. Is-Sindku qal lis-Segretarju sabiex nerġgħu inkellmu lill-Kap tal-Iskola biex tieħu ħsieb din il-problema.

3.15 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bżonn li jitnaddaf iċ-ċimiterju li hemm f' Valletta Road qabel ma jerġa jibda tiela' l-ġilju.

3.16 Is-Sindku talab lill-Kunsillier Caruana biex jagħti aktar emfasi fuq dak li għandu x' jaqsam mal-knis. Huwa qal li mhuwiex sodisfatt fuq dak li għandu x' jaqsam il-knis.

## 4.0 APPLIKAZZJONI GAL XLOKK MIŻURA 413 A7

4.1 Is-Sindku qal li l-applikazzjoni li kienet saret tal-Community Support for Children tal-GAL Xlokk li saret mill-Kunsill Lokali ġiet l-ewwel waħda. Huwa semma li se jkun hemm tlett site visits waħda l-Għammieri, Xropp l-Għaġin u oħra ġewwa Ħal Għaxaq.

Huwa qal li fuq dik li se ssir ġewwa l-Għammieri it-tfal se jkun qed jingħataw tagħrif fuq healthy eating u l-animali li jinsabu fl-irziezet. Dik ta' Xropp l-Għaġin se jkunu qed jingħataw tagħrif fuq il-flora u fauna ta Malta u dik ta Ħal Għaxaq fuq il-kultivazzjoni taż-żebbuġ u d-dwieli.

4.2 Wara dawn iż-żjajar huma se jkunu qed jippreparaw booklet żgħir fuq dak li jkunu tgħallmu waqt dawn iż-żjajar għal tfal t' eta bħalhom.

## 5.0 RESURFACING TAL-ISQAQIEN

5.1 Fuq miżura 125 is-Sindku qal li dawn l-isqaqien saru minn naħa tal-kuntrattur u se jkunu qed jiġu ċċertifikati sabiex inkunu nistgħu nagħmlu l-claims lill-Paying Agency.

## 6.0 KUNTRATTI PREŻENTI

6.1 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill it-tenders li hemm bħalissa fuq is-servizzi tal-bulky refuse, knis, tindif u żamma tal-lattrina u semma li dawn it-tenders għandhom bżonn jerġgħu jinħarġu s-sejħiet. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu ma din il-proposta.

6.2 Is-Sindku semma li fuq tas-soft areas għad m' hemmx suġġeriment fuq minn għandu jkun ikkunsidrat għal għażla. Is-Sindku qal li qabel se jkun qed jiltaqa l-Kunsill u jiddiskuti l-offerti.

## 7.0 KUNTRATTUR TAL-ĠBIR TAL-ISKART DOMESTIKU

7.1 Is-Sindku qal li tal-ġbir tal-iskart dan se jkun sa sena sakemm jerġa jinħareġ it-tender mill-ġdid. Is-Sindku qal li l-ħin għal matul iż-żmien tax-Xitwa jista' jinbidel billi jkun hemm minn jaħdem. Fuq dawn il-ħinijiet nistgħu nitkellmu mal-kollettur minn qabel biex jintlaħaq ftehim. Is-Sindku semma li f' ċertu żoni jistgħu jsiru l-iskips fejn hemm nies li jaħdmu bħalma hu Ħal Farruġ.

## 8.0 RESTAWR TAĊ-ĊIMITERJU

8.1 Is-Sindku tkellem fuq il-proġett tar-restawr taċ-ċimiterju ta San Tumas li dan kien proġett tajjeb u x-xogħol li sar kien ta kwalita tajba. Il-Kunsillier Caruana semma li jonqos xi affarijiet żgħar bħal pereżempju hemm xi zkuk żgħar tat-tina biex jitqacctu u żbir tal-palma. Huwa semma ukoll fuq il-bieb tal-faċċata biex dan jinbarax u jerġa jinżebagħ mill-ġdid u tiġi rranġata l-għatba.

## 9.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

9.1 Il-Kunsillier Caruana staqsa fuq il-kontijiet li kien hemm ta Stone Art ta fejn saru ix-xogħolijiet. Huwa qal li dawn ix-xogħolijiet kienu għoljin u saqsa jekk kinitx saret ċertifikazzjoni tax-xogħolijiet. Is-Sindku talab li għalissa jinżammu dawn il-kontijiet sakemm il-Perit jiċċertifika dawn ix-xogħolijiet.

9.2 Is-Segretarju ta rendikont tad-dħul tal-Kunsill Lokali għax xahar preċedenti fejn fost l-affarijiet huwa semma il-mawra ta Sqallija. Huwa spjega fuq kif dak li ħallas il-Kunsill Lokali u dak li inġabar minn fuq il-biljetti ma kienx hemm telf.

9.3 Il-Kunsilliera preżenti qablu ma dawn il-kontijiet. Il-Kunsillier Caruana astjena fuq il-kont ta Stone Art.

Ma kienx hemm items oħra fuq l-aġenda li kellhom jiġu diskussi, għalhekk din ġiet eżawrita. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar It-Tlieta 9 ta' Settembru 2014 fis-6.45 pm. Ma kienx hemm data proposta għal laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________ 2014.

______________________ ______________________

John Schembri
Sindku

Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv